**Laqgħa Ad Hoc. Kontinwazzjoni tal-erbgħa u erbgħin (44) laqgħa, tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar it-Tlieta, 2 ta' Frar 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija fis-Sala tal-Kommunita'.**

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

Talba

Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba.
Tkompliet l-aġenda tal-laqgħa preċedenti.

7. Korrispondenza

7.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-*qualification allowance* għad-*Diploma in Professional Development Award in Improving Public Management and Governance at Local Level* ġiet approvata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

7.3 Emejl minn għand Ray Abela tat-TCTC biex il-Kunsill jorganizza l-kors LEARNIT.EM CITIZEN fejn dan il-kors ser jiġi ko-finanzjat mir-Reġjun t'Għawdex u l-Kunsill irid iħallas €300. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi din ma ġietx diskussa fir-reġjun u għalhekk il-Kunsill ma jistax jiddeċiedi f'dan ir-rigward.

7.4 Emejl minn għand Catherine Cauchi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn talbet lil Kunsill sabiex jinnominaw xi għaqdiet jew individwi li għandhom x'jaqsmu ma attivitajiet bħal Via Sagra u dan peress li ser tiġi organizzata mill-Ministeru Via Sagra ħajja ġewwa c-Cittadella. Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li din għandha tgħaddi għand il-Kappillan.

7.5 Emejl mir-Reġjun t'Għawdex fejn staqsa lil Kunsilli Lokali Għawdxin jekk għandhomx xi post/garaxx fil-pussess tagħhom li l-Kunsill jista jikri lir-Reġjun u dan sabiex jibda jservi ta' *store* għat-Tribunal Reġjonali. Il-Kunsill ma jistax jikri wieħed mill-garaxxijiet tiegħu peress li huma bit-turġien.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

7.6 Ittra minn Transport Malta fejn taw l-approvazzjoni tagħhom sabiex issir *un/loading bay* quddiem il-garaxx 45, Triq Kappillan Gużeppi Hili. Il-membri qablu li dawn għandhom jinżebgħu u jiġu infurmati r-*road section* b'dan.

9. Materji oħra

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li-

9.1 irċeviet ilment minn għand Paul Farrugia ta' Triq il-Għajn sabiex isir *patching* sew fil-parti ta' Triq il-Għajn quddiem il-ħwienet. Il-membri qablu li għandha tintbgħat korrispondenza lid-Direttur Proġetti u Żvilupp.

9.2 Irċeviet ilment minngħand Emanuel Grech fejn informa lil Kunsill li bid-*double yellow line* li inżebgħah faċċata tal-garaxx tiegħu fi Triq ta' Mulejja xorta mhux biżżejjed biex joħroġ mill-garaxx għalhekk talab sabiex isir *one meter double yellow line* mal-ġenb tal-garaxx tiegħu. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill kien diġa ġab l-approvazzjoni għal dan minn Transport Malta pero' is-Sur Grech kien irifjutah peress li kien ser isir ta' quddiem il-garaxxijiet tal-Kunsill. Peress li dan ma ngħatax permess biex ikun twil biżżejjed minn *Transport Malta,* s-Sur Grech kellu jerġa jitlob dan. Il-membri qablu li dan għandu jsir la diġa hemm il-permessi minn *Transport Malta.* Is-Sindku qal li kellu jsir mill-bankina l-isfel.

9.3 Ilment minngħand is-Sur Andrew Tabone fejn ilmenta illi qed ikun hemm karozzi ipparkjati quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq ta' Mulejja u għalhekk talab għal *one meter double yellow line* mal-ġenb tal-garaxx tiegħu. Il-membri qablu li għandu jintalab il-permess minn Transport Malta.

9.4 Ilment minngħand Frances Mercieca fejn ilmentat illi l-latrini pubbliċi qed jinżammu maħmuġin ħafna. Il-membri qablu li għandha terġa' tintbgħat ittra rreġistrata u wkoll niġbdulu l-attenzjoni li għandha bżonn tibjieda.

9.5 Maria Homoki sabiex tikri is-sala tal-kommunita ghal zmien twil sabiex torganizza loghob ghat-tfal, drama courses, craft sessions u sports. Is-Sindku qal li skond il-*bye law* din suppost tiġi iċċarġjata €100kull darba u li jekk tiġri xi ħsara trid tidħol responsabbli. Il-membri qablu li tintbgħat emejl lis-Sna Homoki sabiex tinforma lil Kunsill bil-ġranet li trid tikrija.

9.6 Is-Seg. Eżekuttiv għaddiet lista għal talba ta' LED's ġodda fil-Fontana. Dok B. Infurmat ukoll lil preżenti li dawn ser jitħallsu mir-Reġjun t'Għawdex. Is-Sindku ta spjegazzjoni fejn dawn l-LED's il-ġodda qed jintalab li jsiru. Il-membri qablu li tintbgħat ittra lir-residenti fejn l-Enġineer qed jipproponi li jeħlu dawn il-bozzoz sabiex il-Kunsill jikseb l-approvazzjoni tagħhom. Is-Seg. Eżekuttiv


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ġibdet l-attenzjoni tal-membri li l-bozza li saret l-applikazzjoni għaliha fi Sqaq Nru 5 ma tistax issir peress li hu sqaq privat. Il-membri qablu li l-Isqaq ta' Fuq il-Lunzjata avolja hu privat xorta teħel peress li diġa kien hemm waħda li nqalgħet mill-Kunsill meta twaqqa il-post is-sena l-oħra. Is-Sur Micallef staqsa jekk hux ser isir dak il-fanal li talab fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Is-Sindku nfurmah illi l-Engineer infurmah illi dak il-fanal ma jistax isir peress li biex teħel irid jitressaq fanal ieħor. Is-Sur Micallef ġibet l-attenzjoni illi fil-laqgħa preċedenti kien intqal li ser isiru 14-il LED ġdida. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi hi iffirmat 14-il applikazzjoni lil Galea Curmi. Is-Sindku qal li l-Engineer Mario Galea għandu jibgħat rapport lil Kunsill. Is-Sindku qal li l-Enġineer kellu wkoll jibgħat applikazzjoni sabiex issir bozza oħra fejn it-taraġ fi Pjazza l-Għejjun li jagħti għal Triq Għajn Tuta.

9.6 Rigward ir-risposta ta' l-emejl minn għand id-Direttur fuq il-ħinijiet tal-laqgħa li s-Seg. Eżekuttiv teħodhom *time off in lieu.* Id-Direttur wieġeb illi hu jaqbel mar-risposta tas-Sur Pio Farrugia, l-Asst Direttur jiġifiieri s-Seg. Eżekuttiv ma tistax taqbeż l-40 siegħa xogħol fil-ġimgħa. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tas-Seg. Eżekuttiv illi għandha timxi mal-ħinijiet tal-Gvern jiġifieri, fix-Xitwa jinfetaħ l-uffiċċju mis-7.15 san-12.30 u mis-1.15 sal-4.45 u fis-Sajf jinfetaħ mis-7.00 sas-1.00pm.

*Mis-Sindku*

9.7 Is-Sindku qal li Asst Direttur ma wieġibx l-emejl li ħadet l-inizjattiva tikteb is-Seg. Eżekuttiv f'Settembru li għadda rigward il-mistoqsija rigward il-PMSC għaliex is-Sindku ma jitħalliex jattendi l-laqgħat.

9.8 Il-laqgha giet sospiza fis-6.05 ta' fil-għaxija peress li resident ried jitkellem mal-Kunsill u għalhekk is-Sindku waqqaf il-laqgħa. Il-laqgħa tkompliet fis-6.15 ta' fil-għaxijia. Il-membri talbu lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tiftiehem ma uffiċċjali minn Transport Malta sabiex jiġu jivverifikaw huma stess jekk ir-resident Emanuel Grech ikunx jista' jidħol u joħroġ fil-garaxx bil-vettura tiegħu.

Il-laqgħa tkompliet fis-6.15 ta' fil-għaxija.

9.9 Is-Sindku qal li kellem lil Kuntrattur Joe Grima wara li tlesta x-xogħol ta' restawr tan-niċċa u s-Sur Grima infurmah illi sabiex ipoġġi l-istatwa u jwaħħal l-gwarniċ qed jitlob ħlas lil Kunsill €100 bil-VAT b'kollox. Il-membri qablu. Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li l-fanal tan-niċċa għandu jwaħħlu Christopher Gauci. Qablu wkoll li x'ħin titlesta minn kollox in-niċċa, titnaddaf sew it-tabella 'Merħba Fontana' u terġa' tinżebaħ.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.10 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tas-Seg. Eżekuttiva sabiex isir il-ħlas tal-quddiesa ta' Jum il-Fontana lil Kappillan li l-Kunsill approva f'Novembru li għadda. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li jekk ma jipprovdi ebda tip ta' riċevuta ma tista' tagħmel ebda' ħlas u għalhekk il-membri qablu li jekk l-Kappillan ma jkunx jista' jagħti riċevuta dan għandu jitħallas bejniethom mill-membri tal-Kunsill.

9.11 Is-Sindku qal li parti mill-*floodlights* tal-Knisja inbidlu u ma ġewx sew peress li mill-bogħod tal-koppla jidhru jixgħelu bħal ċappa dawl speċjalment minn Triq ix-Xlendi u minn ħdejn l-għolja ta' Gelmus, barra minnhekk mhumiex moħbija wara l-pilandri. Is-Sindku informa lil membri li diġa rrapporta lil Enġ. Mario Galea f'dan ir-rigward.

9.12 Is-Sindku informa lis-Seg. Eżekuttiv sabiex il-bankijiet tal-belvedere fi Triq ta' Mulejja jinżebgħu *medium oak.*

9.13 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li twaħħlet tabella ma ' l-Għajn ta' Bendu biex ma jsirx ħasil ta' karozzi iżda reġgħet inqalgħet u twaħħlet mal-Fontana Cottage. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi din ma saritx mill-Kunsill. Is-Sindku qal li din hi Triq arterja u fl-opinjoni tiegħu irid ikun hemm *bye law* biex ma jsirx ħasil ta' karozzi. Is-Sindku talab lis-Seg. Eżekuttiv x'sar dwar id-*double line* li kien ġie approvat mill-Kunsill għal quddiem l-Għajn ta' Bendu. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li ser tiċċekja mal-minuti.

9.14 Sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill ikaħħlu il-fili tal-kurduna tal-bankina fi Triq John Gaspard le Marchant tul ta' madwar 18-il metru u jimtela' bil-qatran u ramel faxx li hemm maqsum fit-triq.

9.15 Sabiex jissaqqew it-tlett qsari li hemm bil-*belvedere* ta' Triq ta' Mulejja.

9.16 Sabiex il-pjanti ta' taħt ir-*railing* u ta' Triq John Gaspard le Marchant u Triq Kardinal Alessandro Franchi jitnaddfu mill-ħaxix ħazin u tiġi magħżuqa l-ħamrija tal-*pots* sabiex għal bidu tar-rebbiegħa jitħawlu pjanti ġodda.

9.17 Is-Sindku informa lil preżenti illi t-tweġiba għar-rikors tal-qorti rigward ċ-Ċentru Ċiviku kien għad baqa' jumejn biss biex jiġi imwieġeb meta ġie diskuss fl-aħħar laqgħa u kompla jgħid illi wasal il-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2015. Huwa preżentaħ il-qorti fit-30 ta' Diċembru 2014, l-aħħar ġurnata peress li fil-jum ta' qabel l-Avukat Jean Paul Grech ma setgħax iwieġeb. Is-Sindku ħallas €87.20 l-ispejjes tar-rikors hu u għalhekk għadda l-kont lis-Seg. Eżekuttiv.

9.18 Is-Sindku qara l-aħbarijiet. Dok Ċ.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.19 Is-Sindku qal li rigward il-*performance Bonus* ta' l-iskrivan jekk suppost li ġie mħejji mis-Seg. Eżekuttiv fil-każ jerġa' jiġi diskuss. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu la diġa ittieħdet deċiżjoni fuqu mill-Kunsill ma hemmx għalfejn jerġa' jiġi diskuss. Is-Sindku qal li matul iż-żmien staqsa darbtejn lis-Seg. Eżekuttiv dwar il-ħidma tiegħu fil-Kunsill u ġie nfurmat li sejjer tajjeb.

9.20 Is-Sindku qal li l-laqgħa tal-lokalita' għandha ssir fid-29 ta' Frar 2016 fil-5.30 ta' filgħaxija u wara titkompla l-laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija, dan għar-raġuni li trid issir qabel il-*budget*.

9.21 Sabiex tinqata' mill-ħaddiema tal-Kunsill is-siġra taż-żejt tar-riġnu li hemm f'tarf Triq Għajn Tuta li twassal sa Wied il-Lunzjata u jinġabar il-ftit trab li hemm.

9.22 Is-Sindku qal li ħarġet u għalqet l-iskema għall-attivitajiet kulturali għas-sena 2016, mingħajr qatt ma tressqet fil-Kunsill; b'hekk għal din is-sena ma nistgħux nikkwalifikaw għal attivitajiet bħal ta' Pjazza l-Għejjun. Huwa ġie infurmat b'dan mis-Segretarju tar-Reġjun.

*Mill-Viċi Sindku*

9.22 Sabiex qabel ma ssir iktar ħsara isir il-*patching* neċessarju fi Triq Kappillan Hili. Is-Sindku qal li malli jkun hawn il-Perit il-ġdid jieħu ħsiebha malajr kemm jista' jkun. Il-membri qablu jingħata' ċans sal-laqgħa li jmiss sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt mal-Perit il-ġdid.

*Mis-Sur Horace Micallef*

9.23 Illi it-tabelli tan-*no waiting* fi Triq Wied Siekel huma mgħawġin. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi ġew ordnati it-tabelli tan-*no entry for heavy vehicles.*

9.24 Sabiex tintalab stima biex jiġu rranġati s-*safety carpets* tal-*playing field* peress li tbedu minn xulxin. Sabiex ukoll jinqata' l-ħaxix mill-ħaddiema tal-Kunsill li hemm tiela' mix-xquq tas-*safety carpets.*

9.25 Sabiex jinqata' l-ħaxix ta' Trejqet ta' Wara l-Idjar mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li dik hija *white road* u ma jistax isir xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-membri qablu li għandha ssir talba biex dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-gvern.

9.26 Sabiex jerġgħu jiġu ssettjati il-*floodlights* taż-*zebra crossing* ta' Triq Kappillan Hili.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.27 Sabiex is-Seg. Eżekuttiv tgħaddi lil membri tal-Kunsill ir-rapport li ħareġ rigward is-Segretarji Eżekuttivi. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi ma ħareġ ebda rapport fuq is-Seg. Eżekuttivi iżda rapport mill-NAO rigward il-Audits ta' kull Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv infumathom li r-rapport kien intbgħat iżda ser terġa tgħaddih lil Kunsilliera b'emejl.

9.28 Informa lil preżenti li kien hemm Cirkulari mill-Local Councils Association rigward konferenza tal-*climate change* fi Spanja li s-Seg. Eżekuttiv ma nfurmatx dwarha lil membri tal-Kunsill. Is-Sur Micallef informa lil preżenti li hu applika għaliha u ser jattendi.

*Mis-Sur Mario Mercieca*

9.29 Sabiex issir malajr kemm jista' jkun iż-*zebra crossing* fi Triq Kappillan Hili. Il-membri qablu li din għandha tiġi miġbuda l-attenzjoni lil Perit il-ġdid tal-Kunsill.

9.30 Sabiex issir *disabled parking bay* għal kulħadd qrib il-ħwienet fi Triq il-Għajn. Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li ssir fi Triq il-Għajn l-isfel mill-kantuniera ta' Triq Kappillan Hili. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' Transport Malta.

Il-laqgħa ntemmet fis- 6.40 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 29 ta' Frar fis-6.00 ta' fil-għaxija wara il-laqgha tal-lokalita'.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | *IFFIRMATA |
| Saviour Borg<br>Sindku | Odette Camilleri<br>Seg. Eżekuttiv |

**Il-minuti ta' din il-laqgħa ġew miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv Odette Camilleri iżda ippreżentati fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Hamis 5 ta' Mejju mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard li beda jservi f'din il-kariga b'effett mit-Tlieta 19 ta' April 2016. Minħabba f'hekk, dawn il-minuti ġew iffirmati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard.*